# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Hamis, 27 ta' Jannar, 2022

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 45/2021 ISB**

**Ennio Fano (karta tal-identita' Taljana bin-numru AV3109849) debitament rapprezentat minn Salvatore Tirone (karta tal-identita Maltija 154725A)**

**vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Ennio Fano** (karta tal-identita' Taljana bin-numru AV3109849) debitament rapprezentat minn Salvatore Tirone (karta tal-identita Maltija 154725A), pprezentat fit-28 ta' Mejju 2021, li permezz tiegħu huwa jsostni hekk:-

*Illi l-esponent huwa uniku azzjonist tas-socjeta' Gul Castel Holdings Limited (C-43472).*

*Illi l-imsemmija socjeta' Gul Castel Holdings Limited kienet soggetta ghal ordni ta' konfiska u sussegwentement ordni ta' ffrizar mitlub mill-awtoritajiet Taljani u ezegwit f'Malta minhabba proceduri pendenti l-Italja.*

*Ill b'rizultat ta' dawn il-proceduri, l-operat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija gie sospiz.*

*Illi b'sentenza finali moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Milan fl-24 ta' Jannar 2020, l-ordni ta' konfiska fil-konfront tal-imsemmija socjetajiet gie revokat.*

*Illi ghalkemm din is-sentenza giet komunikata lill-Avukat Generali ta' Malta sabiex jezegwiha wara April 2020, huwa naqas milli jezegwixxi l-ordni moghti mill-Qorti tal-Appell ta' Milan b'mod immedjat u sussegwentement, fis-7 ta' Marzu 2021, l-isem tas-socjeta' Gul Castel Holdings Limited (C-43472) gie mhassar mir-Registratur intimat skond l-artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-Qorti Kriminali, b'zewg digrieti tal-25 ta' Marzu 2021 u tat-3 ta' Mejju 2021, illiberat b'mod definittiv lis-socjeta' Gul Castel Holdings Limited mill-effetti tal-ordni ta' ffrizar u l-ordni ta' konfiska.*

*Illi kif jirrizulta mill-istess sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Milan, is-socjeta' Gul Castel Holdings Limited ghandha assi konsistenti, fost ohrajn, f'kontijiet bankarji. L-istess socjeta' hija wkoll unika azzjonista u direttrici tas-socjeta' l-ohra Gul Castel Limited (C-43473), li tinsab fi stat ta' xjoljiment, u li necessarjament tehtieg l-intervent tas-socjeta' Gul Castel Holdings Limited sabiex tkun tista' tqassam l-assi taghha lill-beneficjarji u tikkonkludi x-xjoljiment u eventwali stralc.*

*Illi l-esponent ghalhekk ihossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-imsemmija kumpannija Gul Castel Holdings Limited gie mhassar mir-Registru tal-Kumpanniji u ghandu interess li l-istess kumpannija terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-isem tal-kumpannija <u>Gul Castel Holdings Limited (C-43472)</u> jerga' jiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji ai*

*termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana illi l-kumpannija titqies illi kompliet bl-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar u dana taht dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa,*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu kollha a karigu tar-Registratur intimat, ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 4 sa fol 29).

Rat **id-digriet** taghha tat-2 ta' Gunju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-13 ta' Lulju 2021 fid-9:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-4 ta' Gunju 2021 (ara tergo ta` fol 31).

Rat illi fl-24 ta' Gunju 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 34) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Gul Castel Holdings Limited (C 43472) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fl-1 ta' Frar 2008;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar sidien benefiċjarji, kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l- aħħar prospett annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2011 filwaqt illi l-istess kumpanija qatt ma rreġistrat kontijiet annwali matul iż-żmien kollu li kienet fuq ir-Reġistru;*

*Illi di piu' din il-kumpanija ilha mingħajr diretturi kif ukoll segretarja tal-kumpanija sa mill-31 t' Awwissu 2011;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija biex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. '**A**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha fl-indirizz li huwa 143, Archbishop Street, Valletta VLT 1442, datata, 5 ta' Novembru 2020;*

*Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fis- 7 ta' Diċembru 2020;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-7 ta' Diċembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għalkemm fir-rikors qed jingħad illi l-kumpanija kienet soġġetta għal ordni ta'*

*konfiska u sussegwentement ordni ta' iffriżar mill-awtoritajiet fl-Italja u eżegwit f'Malta, ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda notifika jew informazzjoni fuq dan kollu;*

*Għaldaqstant fit-8 ta' Marzu 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR1,000.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u nformazzjoni dwar sidien benefiċċjarji li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 10,559.50****.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta’ Lulju 2021, deher l-Avukat Alessandro Lia ghar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f’dik l-udjenza r-rikorrent iddikjara illi huwa kien lest illi jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, partikolarment fis-sens illi jissottmetti l-accounts u l-annual returns li hemm neqsin, filwaqt illi irrizerva l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-ispejjes u l-penalitajiet.

Rat id-dikjarazzjoni tar-Registratur intimat fis-sens illi sostna illi sabiex tkun regolarizzata s-sitwazzjoni tal-kumpannija huwa mehtieg li jithallsu ukoll l-ispejjes u l-penalitajiet.

Rat illi l-procediment kien differit ghall-provi tar-rikorrent u kellu jitharrek rapprezentant tal-Ufficcju tal-Avukat Generali.

Rat l-verbal tal-udjenza tal-25 ta’ Ottubru 2021, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-socjeta` Gul Castel Holdings Limited (C-43472) kienu gew rizolti, u allura l-procediment seta’ jithalla ghall-provvediment.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta’ Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fit-23 ta’ Gunju 2020, ir-Registratur intimat nehha u hassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **Gul Castel Holdings Limited (C-43472)**.

Illi din il-kumpannija kienet soggetta ghal ordni ta’ konfiska u ordni ta’ ffrizar kif mitlub mill-awtoritajiet Taljani u ezegwita f’Malta minhabba proceduri pendenti fl-Italja, liema ordnijiet wasslu biex il-kumpannija tissospendi l-operat taghha f’Malta. Illi tali ordni ta’ konfiska kontra is-socjeta` Serracenia Holdings Limited giet revokata b’mod definittiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell f’Milan deciza fl-24 ta’ Jannar 2020

Illi r-rikorrent jsostni illi kien ghadda kopja tad-decizjoni lill-Ufficcju tal-Avukat Generali sabiex jezegwiha, b’dana kollu dan ma jidhirx illi sar u r-

Registratur intimat ghadda biex jhassar isem il-kumpannija de quo minn fuq il-lista.

Illi gew esebiti ukoll zewg digrieti tal-Qorti Kriminali ta' Malta li permezz taghhom is-socjeta` Gul Castel Holdings Limited (C-43472) giet illiberata b'mod definittiv mill-effetti tal-ordni ta' ffrizar u l-ordni ta' konfiska.

Illi r-rikorrent, bhala azzjonist wahdani fis-socjeta` Gul Castel Holdings Limited (C-43472) kellu ghalhekk l-interess illi jistitwixxi dawn l-odjerni proceduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, tant illi l-ahhar prospett annwali sottomess kien dak tas-sena 2011, qatt ma gew registrati kontijiet annwali u lanqas ma baghtet informazzjoni dwar is-sidien beneficjarji. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew*

*fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

Mhemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Gul Castel Holdings Limited (C-43472)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rrizultaw.

Il-Qorti pero`, kif taghmel dejjem f'cirkostanzi bhal dawn u qabel ma tghaddi ghall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur. F'dan il-kaz, ir-rikorrent zamm kelmtu u l-promessa maghmula fl-ewwel seduta, u fit-tieni seduta, il-Qorti giet mgharrfa illi l-pendenzi kollha kienu gew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet ghalhekk, il-Qorti giet mistiedna tghaddi ghall-provvediment.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Gul Castel Holdings Limited (C-43472)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Gul Castel Holdings Limited (C-43472)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Gul Castel Holdings Limited (C-43472)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**